

Brussell, 28 ta' Frar 2020
(OR. en)

6448/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0032(NLE)

PROBA 3
AGRI 69
WTO 27

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Frar 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 73 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali b'rabta mal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 73 final.

Mehmuż: COM(2020) 73 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.2.2020
COM(2020) 73 final

2020/0032 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali b'rabta mal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali b'raba mal-adeżjoni tar-Repubblika tas-Serbja għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995

Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 ("il-Konvenzjoni") għandha l-għan li tkompli l-kooperazzjoni internazzjonali fl-aspetti kollha tal-kummerċ taċ-ċereali, li tippromwovi l-espansjoni tal-kummerċ internazzjonali taċ-ċereali u li tiżgura l-aktar fluss ħieles possibbli ta' dan il-kummerċ. Il-Konvenzjoni għandha wkoll l-għan li tikkontribwixxi kemm jista' jkun possibbli għall-istabbiltà tas-swieq internazzjonali taċ-ċereali fl-interess tal-membri kollha, li ssaħħa is-sigurtà alimentari dinjija u li tipprovdi forum għall-iskambju ta' informazzjoni u diskussjoni dwar it-tfassil tal-membri rigward il-kummerċ taċ-ċereali.

Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1995.

L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni¹.

2.2. Il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali

Il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali (International Grains Council – "IGC") huwa organizzazzjoni intergovernattiva li tfitte li tilħaq l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni. B'mod partikolari, l-IGC għandu l-għan li:

- (a) isaħha il-kooperazzjoni internazzjonali fl-aspetti kollha tal-kummerċ taċ-ċereali;
- (b) iħeġġeġ l-espansjoni, il-ftuħ u l-ekwità tal-kummerċ internazzjonali fis-settur taċ-ċereali;
- (c) jikkontribwixxi għall-istabbiltà tas-suq internazzjonali taċ-ċereali, filwaqt li jtejjeb is-sigurtà alimentari dinjija u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' pajjiżi li l-ekonomiji tagħhom jiddependu fuq il-bejgħ kummerċjali taċ-ċereali;

Dawn l-għanijiet huma mfittxija permezz tat-titjib tat-trasparenza tas-suq bis-saħħa tal-qsim tal-informazzjoni, l-analiżi u l-konsultazzjoni dwar l-iżviluppi tas-suq u tal-politika.

Bħalissa, il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali għandu 28 membru, li jinkludu ħafna mill-akbar produttori kif ukoll importaturi taċ-ċereali fid-dinja. Minbarra l-Unjoni u fost oħrajn, il-membri tiegħu huma l-Arġentina, l-Awstralja, il-Kanada, l-Eġittu, l-Indja, il-Ġappun, ir-Russja, l-Ukrajna u l-Istati Uniti. Madankollu, iċ-Ċina u l-Brażil mhumiex membri.

It-28 membru tal-IGC għandhom total ta' 2,000 vot.

¹ ĠU L 21, 27.1.1996, p. 47.

Għal proċeduri baġitarji (ara l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni), jiġifieri għall-iffissar tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji annwali tal-membri, l-Unjoni għandha 372 vot fl-2019/20².

Għat-tehdid ta' deċiżjonijiet, jiġifieri meta jittieħdu l-voti (ara l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni), jitqassmu 1,000 vot għall-10 membri esportaturi (inkluża l-Unjoni b'245 vot) u 1,000 vot għat-18-il membru li jimportaw. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li fil-prinċipju, l-IGC jopera fuq il-bażi ta' kunsens u, fil-verità hija rari ħafna li ssir votazzjoni.

Fil-laqgħat tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali, l-Unjoni hija rrappreżentata mill-Kummissjoni. L-Istati Membri jistgħu jattendu l-laqgħat tal-IGC, b'mod partikolari s-Sessjonijiet tal-Kunsill.

2.3. L-att previst tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali

Fit-23 ta' Jannar 2020, ir-Repubblika tas-Serbja³ applikat formalment għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni. Fis-27 ta' Jannar 2020, is-Segretarjat tal-IGC għarraf lill-membri tiegħu dwar l-applikazzjoni tar-Repubblika tas-Serbja.

Skont l-Artikolu 27(2) tal-Konvenzjoni, l-adeżjoni hija miftuħa għall-gvernijiet tal-Istati kollha bil-kundizzjonijiet lil-Kunsill iqis xierqa. F'konformità mal-Artikolu 33(d) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali ("Regoli ta' Proċedura") il-Kumitat Amministrattiv jikkunsidra u jirrakkomanda lill-Kunsill l-applikazzjonijiet għall-adeżjoni skont l-Artikolu 27(2).

Il-voti tal-pajjiż aderenti għall-finijiet tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni (jiġifieri l-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-membri), huma ddeterminati mill-proporzjon tal-kummerċ totali tal-pajjiżi aderenti fil-kummerċ totali taċ-ċereali tal-pajjiżi membri kollha tal-IGC, f'konformità mar-Regola 33(b) tar-Regoli ta' Proċedura.

Skont l-Artikolu 12(1) tal-Konvenzjoni, il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-membri li se jkunu membri esportaturi u l-membri li se jkunu membri importaturi għall-finijiet tal-Konvenzjoni, billi jitqiesu x-xejriet tal-kummerċ taċ-ċereali ta' dawk il-membri u tal-opinjonijiet tagħhom stess. Il-Kunsill se jiddetermina wkoll id-drittijiet tal-vot tagħhom, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 tal-istess dispożizzjoni.

Billi l-laqgħa li jmiss tal-IGC mhux se ssir qabel it-8 ta' Ġunju 2020, is-Segretarjat tal-IGC ppropona li l-approvazzjoni tal-Kunsill għall-adeżjoni tar-Repubblika tas-Serbja ssir permezz ta' votazzjoni bil-posta li tippermetti adeżjoni aktar bikrija. Jekk sal-31 ta' Marzu 2020 ma ssir l-ebda oġġezzjoni mill-membri attwali tal-IGC, l-adeżjoni tar-Repubblika tas-Serbja tidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 2020.

Għalkemm m'hemmx regoli speċifiċi stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar il-proċedura tal-votazzjoni bil-posta (jew proċedura bil-miktub), l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar id-"deċiżjonijiet tal-Kunsill", ma jitlobx li jittieħdu deċiżjonijiet bħal dawn waqt sessjoni tal-Kunsill.

² Il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali jopera fuq bażi ta' sena fiskali, li tibda mill-1 ta' Lulju u tispiċċa fit-30 ta' Ġunju.

³ Permezz tal-ittra tal-Ministru tal-Agricoltura, il-Forestrija u l-Ġestjoni tal-Ilma tar-Repubblika tas-Serbja

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE⁴ sat-30 ta' Ġunju 1998 u, minn dak iż-żmien 'il hawn, ġiet estiża b'mod regolari. Kull darba, il-Konvenzjoni tiġi estiża għal perjodu massimu ta' sentejn f'konformità mal-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni. Din ġiet estiża l-aħħar f'Ġunju 2019 permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali, u se tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2021⁵.

L-Unjoni minn dejjem kienet membru attiv tal-IGC u appoġġat l-espansjoni tal-organizzazzjoni.

Ir-Repubblika tas-Serbja hija produttur ewlieni ta' prodotti agrikoli, b'mod partikolari tal-qamhirmum li huwa wieħed mill-għelejjel ewlenin koperti mill-IGC.

Ir-Repubblika tas-Serbja ppreżentat l-applikazzjoni tagħha għal sħubija fl-UE fid-19 ta' Diċembru 2009 u fl-1 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew ta lis-Serbja l-istatus ta' pajjiż kandidat.

L-għan ta' din il-proposta hu li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex il-Kummissjoni tapprova l-adeżjoni tar-Repubblika tas-Serbja għall-Konvenzjoni.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tal-liġi internazzjonali li jirregolaw is-sede kkonċernata. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont il-liġi internazzjonali iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”.⁶

4.1.2. *L-applikazzjoni għall-każ attwali*

L-att previst tal-IGC għandu l-effett li jestendi s-sħubija ta' l-IGC. L-att previst għandu effetti legali, b'mod partikolari għaliex se jaffettwa l-bilanċ tad-deċiżjonijiet fi ħdan l-IGC, li d-deċiżjonijiet tiegħu jeħtieġu l-maġġoranza tal-membri li jesportaw u li jimportaw, u li huma vinkolanti għall-membri tiegħu, kif espress fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

⁴ ĠU L 21, 27.1.1996, p. 47.

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/813 tas-17 ta' Mejju 2019, (ĠU L 133, 21.5.2019, p. 19).

⁶ Il-paragrafi 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (ECLI:EU:C:2014:2258).

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. L-applikazzjoni għall-każ attwali

L-oġġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst jirrigwardaw il-kummerċ fil-prodotti agrikoli.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali b'rabta mal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 (“il-Konvenzjoni”), ġiet konklużi mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE¹ u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1995. Il-Konvenzjoni ġiet konklużi għal perjodu ta' tliet snin u, minn dak iż-żmien, ġiet estiża regolarment għal perjodi oħra ta' sentejn. Il-Konvenzjoni ġiet estiża l-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fid-49 Sessjoni tiegħu f'Ġunju tal-2019², u se tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (2) Skont l-Artikolu 27(2) tal-Konvenzjoni, hija għandha tkun miftuħa għall-adeżjoni mill-Gvernijiet tal-Istati kollha bil-kundizzjonijiet li l-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali iqis xierqa.
- (3) Fit-23 ta' Jannar 2020, ir-Repubblika tas-Serbja applikat formalment għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni.
- (4) Fl-1 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew ta lis-Serbja l-istatus ta' pajjiż kandidat.
- (5) Ir-Repubblika tas-Serbja hija produttur ewlieni taċ-ċereali, b'mod partikolari l-qamħirrum.
- (6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali, peress li l-adeżjoni tas-Serbja hija fl-interess tal-Unjoni,

¹ Council Decision 96/88/EC of 19 December 1995 concerning the approval by the European Community of the Grains Trade Convention and the Food Aid Convention, constituting the International Grains Agreement 1995 (OJ L 21, 27.1.1996, p. 47).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/813 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 (ĠU L 133, 21.5.2019, p. 19).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali għandha tkun li tapprova l-adeżjoni tar-Repubblika tas-Serbja għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali, tal-1995.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*